# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI FAMILJA

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023

**Rikors numru: 37/2023 BS**

**DB**

**-vs-**

**KF**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors konġuntiv ta' DB u KF li ppremettew:**

1. *"Illi l-partijiet, izzewgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) fil-parocca ta' Santa Margerita, Sannat Ghawdex u dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv indikat fuq l-att bhala mija u tletin (130), liema certifikat huwa hawn anness u mmarkat bhala 'Dok A'.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel TF li twieled fil-hdax ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgha (11.10.2004):*

3. *Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt datat l-erbatax (14) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ippublikat min-Nutar Dr. Joanne Cauchi, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok B'.*

4. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ghax ilhom separati de facto ghal aktar minn erba' (4) snin u illum qed jghixu hajja separata minn xulxin.*

5. *Ma hemm l-ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet u l-mara qed tircievi l-mateniment dovut lilha ghal-wild b'mod regolari.*

6. *Illi l-partijiet jafu u jikkonfermaw bil-gurament taghhom dawn il-fati personalment."*

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

a. *"Ixxolji dan iz-zwieg ta' bejn DB KI10883(G) u KF [KI16082(G)] li sar fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fil-parocca ta' Santa Margerita, Sannat, Ghawdex, kif jidher mic-certifikat taz-zwieg bin-numru progressiv mija u tletin (130).*

b. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubblikku bid-divorzju tal-partijiet imsemmija biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku u dan fit-termini li jogħgobha tipprefigi din il-Qorti Onorabbli.*

*Bl-ispejjeż bla taxxa bejn il-partijiet."*

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat konġuntiv tal-partijiet;

Fliet id-dokumenti u l-atti kollha;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66Ċ tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet meħtieġa għad-divorzju ġew kollha sodisfatti. Infatti rriżulta li l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt pubbliku fis-sena 2019;

Il-partijiet jiddikjaraw illi ma hemmx pendenzi bejniethom. Irriżulta b'mod ċar minn dak li qalu l-partijiet li ma hemm l-ebda prospett raġonevoli li jirrikonċiljaw.

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur u filwaqt li tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fi żmien xahar mil-lum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż jinqasmu bejn il-partijiet.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**